MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 551/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Vella Antonella**
**I.D. 423885 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta' seba' mija u tmienja u tmenin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€788.27), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici n konnessjoni mas-servizz ta'komunikazzjoni bl-akkont numru 40095114 moghti mis-Socjeta' attrici, skond diversi kontijiet mibghuta lilha, u skond id-dokumenti annessi ma l-avviz tat-talba markati bhala:

IZY 1 propett ghas-servizz bl-akkont numru 40095114.
IZY 2 ftehim dwar is-servizz bl-akkont numru 40095114.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta’ seba’ mija u tmienja u tmenin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€788.27), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------